MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 102/2009

**A B**

**-vs-**

**Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Hilda Ellul Mercer b'digriet tas-26 ta' Awissu 2004 gew nominati u kkonfermati b'digriet tad-29 ta' Settembru 2009 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lil C D li jinsab assenti minn dawn il-Gzejjer**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fl-20 ta' Dicembru 1997 (Dok. A), minn liema zwieg ma twildux tfal.

Illi l-kontendenti huma separati permezz ta’ sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tat-28 ta’ Frar 2007 (Dok. B), minn liema sentenza ma sarx appell (Dok. C);

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom, inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza’.

Illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-Artikolu 19 (1) (a) u/jew 19 (1) (c) u/jew 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (f).

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat huwa null u bla effett.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati nomine fejn dawn eccepew:

Illi huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghall-kawza izda hekk kif l-attrici tghaddilhom kull taghrif li ghandha – l-aktar l-indirizz ta’ C D – huma jaghmlu l-almu taghhom biex jaqbdu mieghu u jkunu jistghu jwiegbu kif imiss.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-attrici f'din il-kawza hija Maltija. Izzewget ma C D, ta' nazzjonalita' Pakistana, meta kellha ghoxrin sena. Il-perjodu li l-koppja qattghu flimkien kien wiehed ikkaratterizzat b'divergenzi kbar fuq il-gestjoni tal-hajja familjari, tant li jwassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni li r-ragel qatt ma kellu ebda intenzjoni li jifforma ma' martu dik il-komunjoni ta' hajja u mhabba li huwa z-zwieg. L-intenzjonijiet tieghu kienu tnejn u cari. Ried jakkwista cittadinanza. Ried ukoll il-konvenjenza ta' sors ta' dhul finanzjarju ta' martu li bih seta' jfornixxi lill-familja originali tieghu fil-Pakistan. Il-litanija kontinwa ta' safar u bzonn ta' flus ghalihom tixhed il-vera skop li kellu C D. Tant hu hekk, illi meta l-flus li kellha mgemma' martu spiccaw, huwa sparixxa.

Kif qalet il-Qorti fis-16 ta' Jannar 1998 fil-kawza "**Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla):

"*Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament.*"

U fil-kawza:

"**Theresa Taguri nee' Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Novembru 1999):

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex*

*necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.*"

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn A B u C D fl-20 ta' Dicembru 1997 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jithallsu minn C D b'dana illi provvisorjament l-ispejjez tal-kuraturi jithallsu minn A B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------